MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2007

Avviz Numru. 71/2005

**Kenneth Attard**

**Vs**

**Carmel Farrugia u b'digriet tas-17 ta' Ottubru 2005 giet kjamata fil-kawza s-socjeta' Farstone Limited**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba ta' l-attur ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, mitejn u sebgha u tletin lira Maltin (Lm4,237), rapprezentanti prezz ta' materjal u xoghol fornit u esegwit mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut, inkluz l-imghax ghal tliet snin shah, kemm ilu vigenti dan il-kreditu, li l-konvenut dejjem ipprometta li sejjer jissalda izda ghadu sa' llum pendenti.

Bl-imghax legali ulterjuri mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz ghas-smiegh, u bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni pprezentata kontestwalment ma' l-Avviz ghas-

smiegh, kontra l-konvenut u s-socjeta' kjamata fil-kawza li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut u s-socjeta' kjamata fil-kawza jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenut u s-socjeta' kjamata fil-kawza naqsu u ma dehrux, la fl-20 ta' Frar, 2007 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut u s-socjeta' kjamata fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------